**Office of the Regulator**
**Granting of Citizenship for Exceptional Services**

# *Jiltaqa' l-Kumitat ta' Monitoraġġ għall-għaxar darba*

14 ta' Marzu 2025

Fl-10 ta' Marzu, 2025, saret l-għaxar laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ imwaqqaf sabiex isegwi bir-reqqa it-tħaddim fil-prattika tal-provvedimenti legali dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali li kienu ġew fis-seħħ fl-aħħar xhur tas-sena 2020, u tal-Programm ta' Investitur Individwali (PII) - Programm li wieħed jista' verament jgħid li prattikament issa wasal fi tmiemu wara li dan kien ġie legalment itterminat bl-istess provvedimenti legali tas-sena 2020 u kien baqa' jreġġi biss għal dawk l-applikazzjonijiet li kienu laħqu daħlu għand l-Aġenzija Komunità Malta qabel ma ġew fis-seħħ il-provvedimenti l-oħra fuq imsemmija.

Dan il-Kumitat ta' Monitoraġġ twaqqaf skont id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 25B tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188) u huwa kompost mill-Prim Ministru l-Onor Dott. Robert Abela (li jippresedieh), il-Ministru responsabbli mill-affarijiet relatati maċ-Ċittadinanza Maltija l-Onor Dott. Byron Camilleri – li għal din il-laqgħa partikolari kien sfortunatament indispost - il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor Dott. Bernard Grech, u s-Sur Carmel L Dr Gabriele, Regolatur GħĊSE, li, bħal dejjem, reġa' ntalab mill-Prim Ministru biex jattendi din il-laqgħa. Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Tony Sultana, is-Segretarju Permanenti Ewlieni li huwa l-Kap tas-Servizz Pubbliku kif ukoll is-Sur Joseph Mizzi, Kap Uffiċjali Eżekuttiv tal-Aġenzija Komunità Malta.

Matul il-laqgħa, is-Sur De Gabriele ta ġabra fil-qosor tal-attivitajiet imwettqa mill-Uffiċċju tiegħu speċifikament matul il-perjodu li dwaru jitkellem dan l-għaxar Rapport flimkien ma' tali rwol u funzjonijiet, u ta wkoll ħarsa ħafifa dwar x'seħħ fil-prattika fit-tħaddim tal-provvedimenti legali fuq imsemmija minn naħa tal-Aġenzija Komunità Malta matul it-12-il xahar li għalqu fil-31 ta' Diċembru 2023. Hawnhekk huwa għamel riferenza għal partijiet mill-istess Rapport li jagħtu dehra ċara u konkreta taż-żieda sostanzjali li seħħet minn kwalunkwe aspett, iżda l-iżjed fejn dak li għandu x'jaqsam mad-dħul dirett tal-flus kemm fil-Fond Nazzjonali Soċjali u ta' Żvilupp kif ukoll fil-Fond Konsolidat tal-Gvern permezz tal-kontribuzzjonijiet diretti mid-diversi applikanti (b'żieda sostanzjali fin-numru u l-kwalità partikularment minn naħa tar-reġjun tal-Amerka ta' Fuq) u l-effett globali fuq diversi sferi tal-ekonomija Maltija.

Ir-Rapport Annwali dwar is-sena 2023, li dwaru saret il-laqgħa fuq imsemmija, għandu jiġi ppubblikat fil-futur qarib wara li dan jiġi mgħoddi uffiċjalment mir-Regolatur lill-Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza Maltija sabiex dan tal-aħħar iqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti skont id-dispożizzjonijiet tas-sub Artikolu 9 tal-Artikolu 25 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija. Immedjatament li dan iseħħ, dan ir-Rapport jiġi wkoll riprodott onlajn fuq dan il-*portal* tal-Uffiċċju tar-Regolatur.